**A.L. 159 ta' l-2002**

## ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

### Regolamenti ta' l-2002 dwar Tnaqqis fil-Kontenut tal-Kubrit f'xi Karburanti Likwidi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent, 2001, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2002 dwar Tnaqqis fil-Kontenut tal-Kubrit f'xi Karburanti Likwidi.

(2) (a) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' jistabilixxi permezz t'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu ħekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(b) Avviż taħt il-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li l-Ministru jkun jidhirlu li jkunu meħtieġa u spedjenti f'konnessjoni mad-disposizzjonijiet imdaħħla fis-seħħ.

Skop.

**2.** L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-kubrit li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' xi tipi ta' karburanti likwidi u b'hekk jitnaqqsu l-effetti dannużi ta' dawk l-emissjonijiet sew għall-bnedmin sew fl-ambjent.

Tifsiriet.

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"żejt tal-karburanti tqil" tfisser:

- kull karburanti likwidu miksub mill-petroleum li jaqa' taħt il-kodiċi CN 2710 00 71 sa 2710 00 78, jew

- kull karburanti likwidu miksub mill-petroleum, minbarra żejt tal-gass kif imfisser fil-paragrafi 2 u 3, li, minħabba l-limiti ta' distillazzjoni tiegħu, jaqa' taħt il-kategorija ta' żjut tqal intenzjonati għall-użu bħala karburanti u li minnhom inqas minn 65% bil-volum (inkluż kull telfien) jiddistillaw f'250° C bil-metodu ASTM D86. Jekk id-distillazzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita bil-metodu ASTM D86, il-prodott tal-petroleum jitqiegħed bl-istess mod fil-kategorija ta' żejt tal-karburanti tqil;

"żejt tal-gass" tfisser:

- kull karburanti likwidu miksub mill-petroleum li jaqa' taħt il-kodiċi CN 2710 00 67 jew 2710 00 68, jew

- kull karburanti likwidu miksub mill-petroleum li, minħabba fil-limiti ta' distillazzjoni tiegħu, jaqa' fil-kategorija ta' distillati bin-nofs intenzjonati għall-użu bħala karburanti u li minnhom ta' l-inqas 85% bil-volum (inkluż kull telfien) jiddistilla f'temperatura ta' 350°C bil-metodu ASTM D86.

Karburanti tad-*diesel*, jiġifieri żjut tal-gass li jaqgħu taħt il-kodiċi CN 2710 00 66 u wżati għal vetturi li jmexxu lilhom infushom huma esklużi minn din it-tifsira. Karburanti użati f'makkinarju mobbli li ma jimxix fit-toroq u tratturi agrikoli huma esklużi minn din it-tifsira;

"żejt tal-gass b'użu marittimu" tfisser karburanti intenzjonati għall-użu marittimu li jissodisfaw it-tifsira li hemm fil-paragrafu 2 jew li jkollhom viskosità jew densità li jaqgħu taħt il-varjazzjonijiet ta' viskosità jew densità mfissra għal distillati marittimi fit-Tabella I tal-ISO 8217 (1996);

"il-metodu ASTM" tfisser il-metodi stipulati mis-Soċjeta' Amerikana għall-Ittestjar u Materjal fl-edizzjoni ta' l-1976 ta' tifsiriet *standard* u speċifikazzjonijiet għal prodotti tal-petroleum u lubrifikanti;

"impjant tal-kombustjoni" tfisser kull apparat tekniku li fih jiġu ossidati l-karburanti biex hekk tintuża s-sħana ġenerata;

"tagħbija kritika" tfisser stima kwantitattiva ta' esposizzjoni għal xi sustanza li tniġġes waħda jew aktar li taħtha ma jseħħux, skond ma nafu s'issa, effetti dannużi sinifikanti fuq elementi sensittivi ta' l-ambjent;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent.

'awtorità kompetenti' tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta bl-avviż intitolat Nomina ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, u tali korp ieħor jew persuna li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpijiet jew persuni differenti jistgħu jkunu ddisinjati bħala awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Limitazzjonijiet.

**4.** Il-limitazzjonijiet fuq il-kontenut ta' kubrit ta' xi karburanti likwidi miksubin mill-petroleum kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti m'għandhomx madankollu, japplikaw għal:

(a) xi -

(i) karburanti likwidi miksubin mill-petroleum użati minn bastimenti li jbaħħru bejn sema u ilma, għajr dawk il-karburanti li jaqgħu taħt it-tifsira "żejt tal-gass b'użu marittimu",

(ii) żejt tal-gass b'użu marittimu użat minn bastimenti li jaqsmu fruntiera bejn pajjiż terz u Stat li hu membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) karburanti intenzjonati għall-ipproċes sar qabel il-kombustjoni finali tagħhom;

(ċ) karburanti li jkunu se jiġu pproċessati f'industrija tar-raffinar.

Użu ta' żjut tal-karburanti tqal.

**5.** Ħadd ma jista' juża żjut tal-karburanti tqal jekk il-kontenut tal-kubrit tagħhom ikun jaqbeż 100% bil-massa:

Iżda jekk kull *standard* tal-kwalità ta' l-arja għal dijossidu tal-kubrit stabbilit f'xi disposizzjoni tal-liġi relevanti ikun rispettat u l-emissjonijiet ma jkunux jikkontribwixxu biex ikun hemm xi eċċess fit-tagħbijiet kritiċi, l-Awtorità tista' tawtorizza li żjut tal-karburanti tqal b'kontenut ta' kubrit ta' bejn 1.00 u 3.00% bil-massa jintużaw f'xi parti minn Malta jew f'Malta kollha:

Iżda wkoll dak hawn qabel imsemmi ma jkunx japplika għal żjut tal-karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti tal-kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu ta' regolamenti dwar il-limitazzjonita' emissjonijiet ta' xi sustanzi li jniġġsu l-arja ħerġin minn impjanti kbar tal-kombustjoni u li huma kkunsidrati bħala impjanti ġodda u li jkunu jikkonformaw mal-

limiti ta' emissjoni ta' dijossidu tal-kubrit għal dawk l-impjanti kif stipulati f'regolamenti bħal dawk;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni oħra, li ma jaqgħux taħt l-iskop ta' (a), fejn l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-kubrit mill-impjant huma inqas minn jew egwali għal 1700 mg/Nm3 f'kontenut t'ossiġenu fil-gass li joħroġ għal barra ta' 3% bil-volum fuq bażi niexfa;

(ċ) għal kombustjoni f'raffineriji fejn dan japplika, fejn il-medja mensili ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-kubrit meqjusa fuq l-impjanti kollha fir-raffinerija, eskluż l-impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu taħt l-iskop ta' (a), irrispettivament mit-tip ta' karburanti jew taħlit ta' karburanti użati, jkunu fil-limitu ta' 1700 mg/Nm3.

Permess.

**6.** Impjant tal-kombustjoni li juża żejt tal-karburanti tqil b'konċentrazzjoni ta' kubrit ogħla minn dik imsemmija f'regolament 5 ma għandux jitħaddem jekk ma jkunx inħariġlu permess mill-Awtorità. L-Awtorità għandha tispeċifika l-limiti ta' l-emissjonijiet fil-permess u għandha, mill-inqas tnax il-xahar qabel, tinforma lill pubbliku b'dik l-awtorizzazzjoni.

Iżda wkoll l-Awtorità għandha d-dritt li tirrevedi d-deċiżjonijiet tagħha sabiex tagħti permess, f'kull perjodu ta' ħames snin.

Użu ta' żjut tal-gass.

**7.** (1) Ħadd ma jista' juża żjut tal-gass, inklużi żjut tal-gass b'użu marittimu meta l-kontenut tal-kubrit tagħhom ikun jaqbeż iż-0.20% bil-massa u mill-1 ta' Jannar, 2008 meta l-kontenut tal-kubrit tagħhom ikun jaqbeż iż-0.10% bil-massa:

Iżda meta jkunu rispettati *standards* tal-kwalità ta' l-arja għad-dijossidu tal-kubrit stabbiliti f'xi disposizzjoni tal-liġi relevanti u l-emissjonijiet ma jkunux jikkontribwixxu biex ikun hemm eċċess tat-tagħbijiet kritiċi, l-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza li jintuża żejt tal-gass b'kontenut ta' kubrit ta' bejn 0.10 u 0.20 % bil-massa f'parti minn Malta jew f'Malta kollha:

Iżda wkoll dik l-awtorizazzjoni tkun tapplika biss sakemm l-emissjonijiet ma jkunux jikkontribwixxu għal xi eċċess fit-tagħbijiet kritiċi u ma tkunx testendi 'l hinn mill-1 ta' Jannar, 2013.

(2) Meta l-Awtorità Kompetenti toħroġ l-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregolament (1), hija għandha, mill-anqas 12-il xahar qabel, tinforma lill-pubbliku.

Informazzjoni.

**8.** Jekk bħala riżultat ta' bidla f'daqqa fil-provvista ta' żejt mhux maħdum, prodotti tal-petroleum jew idrokarburi oħra, isir diffiċli għall-Awtorità Kompetenti li tapplika l-limiti fuq l-ogħla kontenut ta' kubrit imsemmi fir-regolamenti 5, 6 u 7, l-Awtorità għandha tinforma b'dan lill-pubbliku.

**9.** (1) L- Awtorità għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tivverifika permezz ta' kampjuni li l-kontenut ta' kubrit użat ikun jikkonforma mar-regolamenti 5, 6 u 7. It-teħid ta' kampjuni għandu jibda fi żmien sitt xhur mid-data meta jidħol fis-seħħ il-limitu relevanti ta' l-ogħla kontenut ta' kubrit. Dan għandu jitwettaq b'dik il-frekwenza meħtieġa u ħekk li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-karburanti li jkun qed jiġi eżaminat. Teħid ta' kampjuni.

(2) Il-metodu ta' referenza adottat mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi determinat il-kontenut ta' kubrit ikun dak imfisser skond:

(a) il-metodu ISO 8754 (1992) u PrEN ISO 14596 għal żejt tal-karburanti tqil u għal żejt tal-gass b'użu marittimu;

(b) Il-metodu EN 24260 (1987),ISO 8754 (1992) u PrEN ISO 14596 għal żejt tal-gass.

Il-metodu arbitrarju jkun il-PrEN ISO 14596. L-interpretazzjoni statistika tal-verifika tal-kontenut tal-kubrit fiż-żjut tal-gass użati, jsir skond ISO *standard* 4259 (1992).

**10.** Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk: Reati.

(a) tonqos milli thares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli thares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimamentskond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

**11.** Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel: Piena.

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal prigunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda kull meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet xi reat taħt dawn ir-regolamenti permezz ta' xi vettura, is-sid ta' dik il-vettura, fejn ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess grad;

Iżda il-qorti għandha todna lil kull min ikun insab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-awtorita' kompetenti tkun għamlet u li huma msemmija f'dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta'dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluża l-vettura, jekk dan ikun japplika.

Kif japplika Kap. 9.

**12.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorita' ma għandha f'ebda każ tkun għal anqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.